

Brussell, 4 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8825/26
ADD 1

ENER 214
FISC 159
ECOFIN 562
COMPET 517
ENV 444
IND 302

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2853 annex
Suġġett:	ANNESS tar- RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI dwar is-sommarju tat-termini u tal-kundizzjonijiet kuntrattwali ewlenin tal-kuntratti għall-provvista tal-enerġija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2853 annex.

Mehmuż: C(2026) 2853 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.4.2026
C(2026) 2853 final

ANNEX

ANNEX

tar-

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**dwar is-sommarju tat-termini u tal-kundizzjonijiet kuntrattwali ewlenin tal-kuntratti
għall-provvista tal-enerġija**

{SWD(2026) 126 final}

ANNEX

1. Kuntest legali u politiku

Offerti tas-suq tal-elettriku

Skont l-Artikolu 11(1a) tad-Direttiva (UE) 2019/944, il-klijenti finali għandhom jiġu pprovduti b'sommarju tat-termini u tal-kundizzjonijiet kuntrattwali ewlenin qabel il-konklużjoni jew l-estensjoni ta' kwalunkwe kuntratt. Is-sommarju għandu jiġi pprovdut b'mod prominenti u b'lingwaġġ ċar u konċiż u għandu jistabbilixxi d-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 10(3) u (4) tad-Direttiva (UE) 2019/944.

Skont l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva (UE) 2019/944, il-kuntratt għall-provvista għandu jispeċifika dan li ġej:

- (a) l-identità u l-indirizz tal-fornitur;
- (b) is-servizzi pprovduti, il-livell tal-kwalità tas-servizzi offruti kif ukoll iż-żmien għall-ewwel konnessjoni;
- (c) it-tipi ta' servizzi ta' manutenzjoni offruti;
- (d) il-mezzi kif tista' tinkiseb informazzjoni aġġornata dwar it-tariffi, il-ħlasijiet għall-manutenzjoni applikabbli u l-prodotti jew is-servizzi magħquda kollha;
- (e) it-tul tal-kuntratt, il-kondizzjonijiet għat-tiġdid u t-terminazzjoni tal-kuntratt u tas-servizzi, inklużi l-prodotti jew is-servizzi li huma magħquda ma' dawg is-servizzi, u jekk hijiex permessa t-terminazzjoni mingħajr ħlas tal-kuntratt;
- (f) kwalunkwe kumpens u arranġamenti ta' rifiżjoni li japplikaw jekk il-livelli tal-kwalità tas-servizz kuntrattat ma jintlaħqux, inklużi kontijiet mhux korretti jew li jdumu ma jinħarġu;
- (g) il-metodu biex tinbeda proċedura għar-riżoluzzjoni ta' tilwima f'konformità mal-Artikolu 26;
- (h) informazzjoni dwar id-drittijiet tal-konsumatur, inkluż informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-ilmenti u l-informazzjoni kollha msemmija f'dan il-paragrafu, li hija kkomunikata b'mod ċar fuq il-kont jew fuq is-sit web tal-impriża tal-elettriku.

Barra minn hekk, l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva (UE) 2019/944 jiddikjara li l-klijenti finali għandhom jiġu nnotifikati bi kwalunkwe intenzjoni li jibdlu l-kundizzjonijiet kuntrattwali u għandhom jiġu infurmati dwar id-dritt tagħhom li jitterminaw il-kuntratt meta jingħata l-avviż. Id-Direttiva (UE) 2019/944 tispjega wkoll kif u meta tali notifika għandha tingħata mill-fornituri u tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-klijenti finali jkunu jistgħu jitterminaw il-kuntratt jekk ma jaċċettawx il-kundizzjonijiet kuntrattwali l-ġodda.

Skont l-Artikolu 11(1a) tad-Direttiva (UE) 2019/944, is-sommarju għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) il-prezz totali u d-diżagggregazzjoni tiegħu;
- (b) spjegazzjoni dwar jekk il-prezz huwiex fiss, varjabbli jew dinamiku;
- (c) l-indirizz elettroniku tal-fornitur u d-dettalji ta' hotline ta' appoġġ għall-konsumaturi; u

- (d) fejn rilevanti, informazzjoni dwar pagamenti ta' darba, promozzjonijiet, servizzi addizzjonali u skontijiet.

Offerti tas-suq tal-gass

L-Artikolu 11(3) tad-Direttiva (UE) 2024/1788 jistipula li l-klijenti finali għandhom jingħataw sommarju wieħed tal-kundizzjonijiet kuntrattwali ewlenin b'mod prominenti u b'lingwaġġ konċiż u sempliċi. Jirrikjedi wkoll li l-fornituri jużaw terminoloġija komuni.

2. Titjib tat-trasparenza permezz tal-istandardizzazzjoni

Xi Stati Membri diġà implimentaw mudelli sommarji standardizzati li jirregolaw il-kontenut tal-informazzjoni prekuntrattwali. Dawn il-mudelli huma kkaratterizzati minn arranġament standardizzati u konċiż, u huma akkumpanjati minn regoli dwar kif għandu jimtela s-sommarju.

Huwa importanti li jitfasslu diversi mudelli sommarji standardizzati biex ikopru t-tipi differenti ta' offerti tal-enerġija, inklużi: kuntratti bi prezz fiss, bi prezz varjabbli u dwar prezz dinamiku tal-elettriku; offerti li jinkludu prodotti jew servizzi addizzjonali li huma marbuta mal-provvista tal-enerġija jew raggruppati magħha (offerti raggruppati); u offerti li jippermettu lill-konsumaturi jalimentaw is-surplus tal-elettriku lill-grilja.

Ir-riċerka dwar l-imġiba turi li l-konsumaturi jridu offerti ssimplifikati bi spjegazzjonijiet qosra u sempliċi u jippreferu li l-informazzjoni tiġi ppreżentata b'mod standardizzati, billi tiġi segwita l-istess struttura u tiġi enfasizzata l-informazzjoni essenzjali, b'mod partikolari l-prezz totali, id-durata tal-kuntratt u t-termini ewlenin. Il-konsumaturi jifhmu aħjar l-offerti jekk jiġi ppreżentat sommarju konċiż u aċċessibbli faċilment f'punti "bullet". It-tip u l-ammont ta' informazzjoni, kif ukoll il-mod kif l-informazzjoni hija inkwadrate, strutturata u ppreżentata, għandhom impatt kbir fuq il-kapaċità tal-konsumaturi li jaċċessawha, jivvalutawha u jaġixxu fuqha.

Kaxxa li tenfasizza l-protezzjonijiet u r-riskji ewlenin tal-konsumatur, murija fl-ewwel paġna, tista' tkun għodda b'saħħitha biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-konsumaturi. Fl-istess ħin, għandu jiġi adottat approċċ fuq żewġ livelli, fejn l-informazzjoni tiġi ppreżentata f'format b'diversi livelli. F'dan il-format, l-aktar informazzjoni importanti, bħall-ipprezzar u d-durata u t-terminazzjoni tal-kuntratt, għandha tintwera b'mod prominenti fl-ewwel livell. It-tieni livell għandu mbagħad jipprovdi informazzjoni aktar dettaljata, inklużi l-obbligi tal-fornitur u d-drittijiet tal-konsumatur, li tippermetti lill-konsumaturi jaċċessaw u jifhmu faċilment it-termini tal-kuntratt tagħhom.

Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-klijenti vulnerabbli, il-mudell għandu jinkludi, fejn rilevanti, informazzjoni addizzjonali speċifika jew links għas-servizzi soċjali. Pereżempju, taqsima ddedikata tas-sommarju tista' tipprovdi informazzjoni għall-klijenti vulnerabbli u għal daww affettwati mill-faqar enerġetiku, inklużi l-kundizzjonijiet għat-tariffi soċjali, l-iskontijiet u l-links għal servizzi ta' appoġġ addizzjonali.

Is-sommarju għandu jinżamm separat mit-termini sħaħ tal-kuntratt. Madankollu, meta konsumatur jikkonkludi kuntratt wara li jirċievi s-sommarju, l-informazzjoni fil-mudell tista' ssir parti mit-termini kuntrattwali. Fi kwalunkwe każ, is-sommarju għandu jinkludi perjodu ta' validità ċar, b'data tal-ħruġ kif ukoll b'data ta' skadenza biex jiġi żgurat li l-informazzjoni tkun akkurata u aġġornata.

L-awtoritajiet regolatorji għandhom jimmonitorjaw l-użu u l-effettività tas-sommarju biex jiżguraw li l-fornituri u, fejn applikabbli, l-intermedjarji u l-fornituri tas-servizzi tal-enerġija jikkonformaw mar-rekwiżiti u li l-konsumaturi jkunu protetti b'mod adegwat. Dan il-

monitoraġġ se jippermetti li jiġu identifikati oqsma għat-titjib u li jsiru l-aġġustamenti meħtieġa lill-mudell, u b'hekk jittejbu l-esperjenza tal-konsumatur u l-protezzjoni fis-suq tal-enerġija.

3. Prinċipji gwida għas-sommarju

Aċċessibilità

Sabiex jiġu żgurati l-inklużività u l-aċċessibilità, is-sommarju għandu jsir disponibbli għall-konsumaturi kollha fuq mezz durabbli tal-għażla tagħhom, inkluż fuq karta, u għandu jkun aċċessibbli b'mod permanenti sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni vitali.

Barra minn hekk, l-informazzjoni għandha tintwera b'mod faċli għall-utent u xieraq, u b'mod imfassal għall-ħtiġijiet tal-konsumaturi. Għandhom jitfasslu verżjonijiet diġitali għall-interoperabbiltà bejn l-apparati u l-kanali tal-bejgħ. Il-ħtiġijiet ta' dawk li jista' jkollhom aċċess limitat għar-riżorsi diġitali jew li jippreferu l-komunikazzjoni mhux diġitali għandhom jitqiesu bir-reqqa.

Għandha tiġi żgurata aċċessibilità ġusta għall-persuni b'diżabilità u għall-konsumaturi b'ħiliet diġitali jew b'konnettività limitata. L-informazzjoni inkluża fis-sommarju, kemm jekk f'format stampat kif ukoll f'format elettroniku, għandha tikkonforma mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità rilevanti.

Ċarezza

It-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali essenzjali jridu jiġu ppreżentati b'mod ċar u sempliċi. L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata f'ordni loġika u faċli għall-utent li tista' tiġi segwita faċilment mill-klijenti finali, u għandha tiġi espressa f'sentenzi konċiżi biex jittejjeb il-fehim u jitħaffef l-irkupru tal-informazzjoni.

Sabiex jittejbu t-trasparenza u l-protezzjoni tal-konsumatur, kaxxa ta' "Protezzjonijiet u riskji ewlenin" tista' tkun ta' għajjnuna għall-konsumaturi u tkun tkopri informazzjoni essenzjali bħal: (i) bidliet fil-prezzijiet u fil-prezzijiet potenzjali, inkluża twissija ta' riskju għal kuntratti bi prezz varjabbli jew dwar prezz dinamiku u l-volatilità tal-kontijiet relatata; (ii) il-kundizzjonijiet għat-terminazzjoni ta' kuntratt u t-tariffi relatati; u (iii) kuntatti għall-assistenza u s-soluzzjoni tat-tilwim.

Approċċ fuq żewġ livelli jitqies bħala prattika tajba għall-preżentazzjoni ta' sommarju tat-termini u tal-kundizzjonijiet kuntrattwali ewlenin, billi jipprovdi format ċar u faċli għall-konsumatur għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni kumplessa.

Barra minn hekk, biex tiġi żgurata l-konsistenza u biex is-swieq tal-elettriku u tal-gass jinftiehem aħjar, it-terminoloġija komuni għandha tintuża b'mod konsistenti mill-fornituri kollha u, fejn applikabbli, mill-intermedjarji u mill-fornituri tas-servizzi tal-enerġija fil-komunikazzjonijiet, fil-materjali tal-kummerċjalizzazzjoni, fl-offerti, fil-kuntratti u fil-kontijiet kollha.

L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta bl-użu ta' vokabularju li jinftiehem b'mod wiesa'. Għandhom jintużaw prinċipji b'lingwaġġ sempliċi, u għandu jiġi adottat glossarju nazzjonali ta' termini obligatorji (pereżempju prezz fiss/varjabbli/dinamiku, perjodu ta' lealtà, tariffa tat-terminazzjoni) b'lingwaġġ sempliċi. Is-sommarju għandu juża biss dawn it-termini biex jiżgura l-konsistenza u l-komparabbiltà u għandu jinkiteb fil-livell tal-qari B1-B2, li jagħmlu aċċessibbli għal firxa wiesgħa ta' konsumaturi. Fejn ma jkunx possibbli li jiġi evitat lingwaġġ

tekniku, jiġu evitati akronimi jew strutturi tal-lingwaġġ tekniku speċifiku għas-settur u tas-sentenzi kumplessi, għandhom jiġu pprovduti spjegazzjonijiet ċari f'termini ta' kuljum.

Kwalità tajba li tinftiehem

Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jifhemu l-aspetti ewlenin tal-offerta mad-daqqa ta' għajn u s-sommarju għandu jkun qasir kemm jista' jkun.

L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata bl-użu ta' sentenzi qosra, u d-dettalji ewlenin għandhom jidhru b'mod prominenti fuq l-ewwel paġna. Jekk ma jkunx possibbli li jintwerew l-aspetti ewlenin kollha b'mod prominenti fuq paġna waħda, dawn għandhom jintwerew fl-ewwel parti tas-sommarju fuq mhux aktar minn żewġ paġni. It-tul jista' jiżdied, pereżempju, biex l-informazzjoni ssir aċċessibbli għall-konsumaturi b'diżabilità.

Għall-fehim faċli, l-informazzjoni għandha tkun konċiża u ppreżentata f'tipi u f'daqsijiet ta' tipa leġibbli, u għandhom jintgħażlu kuluri xierqa. Pereżempju, l-informazzjoni essenzjali għandha tiġi enfazzjata b'tipa grassa, b'insets jew b'arranġament simili. Id-daqsijiet tat-tipa għandhom ikunu jistgħu jinqraw b'mod suffiċjenti, tipikament mill-inqas 10 punti għal informazzjoni li għandha tinqara f'distanzi mill-qrib. Għandhom jintużaw intestaturi distinti b'mod ċar u spazjar u allinjament xierqa biex jiġu delineati t-taqsimiet tas-sommarju u jinħoloq format li jkun attraenti viżwalment u organizzat.

Jistgħu jintużaw simboli, ikoni, jew għajnuniet viżivi sempliċi biex itejbu l-fehim, sakemm ma jtellfux mill-qari tat-test jew ma jnaqqasux l-aċċessibilità.

Għandhom jitqiesu r-restrizzjonijiet tekniċi ta' ċerti mezzi, bħall-iskrins tat-telefonija mobbli. Għandu jkun possibbli li t-test jiġi adattat għal ambjenti diġitali differenti, u li jtkabbar għal viżibilità aħjar fuq l-apparat elettroniku.

Komparabbiltà

Il-komparabbiltà hija vitali biex il-konsumaturi jkun jistgħu jagħmlu għażliet infurmati tajjeb u jagħżlu l-fehim li jissodisfa bl-aħjar mod il-ħtiġijiet u l-preferenzi tagħhom. Sabiex jinkiseb dan, il-fornituri kollha u, fejn applikabbli, l-intermedjarji u l-fornituri tas-servizzi tal-enerġija għandhom jużaw terminoloġija standardizzata u sommarju standardizzat tat-termini u tal-kundizzjonijiet kuntrattwali ewlenin fi struttura uniformi.

Is-sommarju għandu jkun disponibbli għall-pubbliku, muri fuq is-sit web tal-fornitur, u inkorporat f'għodod ta' tqabbil. Il-fornituri għandhom jipubblikaw ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-offerti tagħhom f'żewġ formati komplementari. Flimkien ma' sommarju li jinqara faċilment li jipprovdri ħarsa ġenerali ċara u li tinftiehem tat-termini u tal-kundizzjonijiet tal-offerta, il-fornituri għandhom jipubblikaw ukoll fajl li jinqara minn magna li jkun fih l-oqsma obbligatorji kollha, b'URL persistenti. B'hekk, il-fornituri jippermettu għodod ta' tqabbil biex b'mod awtomatiku jniżżlu u jipproċessaw id-dettalji tal-offerta. Dan se jissimplifika wkoll is-sorveljanza regolatorja, u se jippermetti lill-awtoritajiet regolatorji jimmonitorjaw il-konformità u jwettqu l-analiżijiet tas-suq b'mod effiċjenti.

Sabiex il-konsumaturi jingħataw aċċess faċli għall-għodod ta' tqabbil disponibbli, għandu jintwera b'mod prominenti fis-sommarju link jew kodiċi QR b'link għal għodod ta' tqabbil indipendenti.

Twaqqit

It-twaqqit huwa fattur kritiku. Sabiex il-klijenti jingħataw żmien suffiċjenti biex jirrieżaminaw u jqabblu l-informazzjoni mingħajr pressjoni, is-sommarju għandu jiġi

pprovdut ferm qabel ma l-klijent finali jkun marbut bi kwalunkwe kuntratt jew offerta, anke meta jintużaw mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod.

It-twaqqit tat-twassil tas-sommarju għandu jitqies bir-reqqa u għandu jiġi adattat għall-kanali tal-bejgħ differenti. Għandhom jiġu stabbiliti skadenzi speċifiċi għall-wasla tas-sommarju fil-livell nazzjonali. Għall-bejgħ online, pereżempju, is-sommarju jista' jintbagħat lill-indirizz elettroniku deżinjat tal-klijent fl-istess jum li jintalab. Għall-bejgħ bit-telefown, is-sommarju jista' jitwassal sa tmiem l-istess jum jekk jintbagħat permezz ta' posta elettronika, jew fi żmien ftit jiem tax-xogħol jekk il-klijent ikun jippreferi jirċevih bil-posta. Għall-bejgħ bieb bieb, is-sommarju għandu jiġi ppreżentat b'mod prominenti lill-klijenti qabel ma jiffirmaw il-kuntratt.

Għat-telekummerċjalizzazzjoni u għall-bejgħ bieb bieb, huwa partikolarment importanti li jiġu żgurati t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont. Għalhekk, il-fornituri u, fejn applikabbli, l-intermedjarji u l-fornituri tas-servizzi tal-enerġija għandhom iwasslu s-sommarju lill-klijenti qabel ma jiksbu l-kunsens tagħhom għall-kuntratt, u għandhom jirreġistraw ukoll il-prova verifikabbli tat-twassil, inklużi l-kronogramma u l-kanal ta' bejgħ użat.

Għall-kuntratti kollha lil hinn mill-post tan-negozju, il-klijenti finali għandhom jiġu infurmati bl-użu ta' mezz durabbli dwar id-dritt tagħhom ta' rtirar kif stabbilit fid-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. F'każijiet fejn is-sommarju jiġi pprovdut inqas minn 24 siegħa qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, il-fornituri u, fejn applikabbli, l-intermedjarji u l-fornituri tas-servizzi tal-enerġija għandhom jintalbu jibagħtu tfakkira qasira lill-klijent, bl-użu ta' mezz durabbli tal-għażla tal-konsumatur, dwar id-dritt ta' rtirar.

4. Struzzjonijiet għat-tfassil tal-mudell sommarju

Is-sommarju għandu jispeċifika l-punti ta' informazzjoni li ġejjin:

Identifikazzjoni tal-fornitur

- L-isem tal-fornitur, l-isem tal-offerta, u l-logo tal-fornitur u l-hotline ta' appoġġ għall-klijenti / l-informazzjoni ta' kuntatt dettaljata tas-servizz għall-klijenti għandhom jintwerew b'mod prominenti fil-parti ta' fuq tal-ewwel paġna.
- L-indirizz, l-indirizz elettroniku u s-sit web tal-fornitur għandhom ikunu jistgħu jinstabu faċilment.
- L-informazzjoni ta' kuntatt tista' tindika wkoll il-possibbiltà li jintużaw formoli fuq il-web jew tipi oħra ta' kuntatt dirett u, fejn rilevanti, tidentifika kwalunkwe intermedjarju.

Deskrizzjoni ta' servizz

- L-isem tal-prodott, is-servizz(i) tal-enerġija u l-karatteristiċi ewlenin (inkluż it-tip ta' kuntratt), kif ukoll it-tip ta' tagħmir u/jew servizz li jakkumpanjah, fejn applikabbli, għandhom jiġu indikati.
- Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar it-taħlita tal-enerġija. Jekk l-offerta tiġi kummerċjalizzata bħala ekoloġika, sostenibbli jew simili, għandha tiġi inkluża

¹ Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, pp. 64–88, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/83/oj>).

spjegazzjoni ċara tal-akkwist tal-enerġija u taċ-ċertifikazzjoni (garanziji tal-orijini) biex jiġi żgurat li l-klijenti finali jkunu jistgħu jifhmu faċilment l-offerta u l-impatt ambjentali tal-għażla tagħhom.

- Fejn rilevanti, l-informazzjoni dwar il-prodotti u s-servizzi ewlenin għall-klijenti finali b'diżabilità għandha tintwera b'mod xieraq. Meta l-informazzjoni dwar prodotti u servizzi differenti għall-klijenti b'diżabilità tkun estensiva u varjabbli, is-sommarju jista' jindika li din l-informazzjoni dettaljata hija disponibbli separatament.
- Għall-offerti raggruppati, is-sommarju għandu jiċċara t-tip ta' offerta raggrupjata (pereżempju l-provvista tal-gass u tal-elettriku; il-provvista tal-enerġija b'servizzi mhux relatati mal-enerġija; u l-installazzjoni, it-tħaddim u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' ħżin tal-elettriku flimkien ma' installazzjonijiet li jiġġeneraw l-elettriku rinnovabbli għall-awtokonsum).
- Għandha tiġi pprovduta informazzjoni ċara dwar prodotti u/jew servizzi li jiġu raggruppati mal-provvista tal-elettriku jew tal-gass flimkien ma' spjegazzjoni ta' jekk dawn humiex obligatorji jew fakultattivi. Fl-istess ħin, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-fornituri tas-servizzi u, fejn rilevanti, tal-entitajiet differenti li l-klijent finali huwa mistenni li jinvolvi ruħu magħhom, għandhom jiġu deskritti b'mod ċar.
- It-termini, il-kundizzjonijiet, ir-remunerazzjoni għall-alimentazzjoni tas-surplus tal-elettriku lill-grilja, it-tariffi u l-proċeduri għandhom isiru disponibbli għall-klijenti finali li jew huma diġà involuti fl-awtokonsum individwali u/jew fil-kondiviżjoni tal-enerġija, jew qed iqisu li jinvolvu ruħhom fihom.

Informazzjoni dwar il-prezzijiet

- Għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni ċara tal-istruttura tariffarja u jekk il-prezz huwiex fiss, varjabbli jew dinamiku.
- L-informazzjoni dwar il-prezz għandha tinkludi: (i) il-prezz totali tal-elettriku jew tal-gass; (ii) diżaggregazzjoni tal-komponenti tal-kostijiet kollha, jiġifieri l-kostijiet tal-provvista, tad-distribuzzjoni, tat-taxxi u tal-imposti; (iii) il-prezz għal unità waħda inklużi l-imposti u t-taxxi kollha; (iv) l-informazzjoni dwar il-pagamenti ta' darba, il-promozzjonijiet, is-servizzi addizzjonali u l-iskontijiet, fejn rilevanti; u (v) l-imposti obligatorji, fejn rilevanti.
- L-informazzjoni dwar il-prezzijiet għal kull kWh jew m³ u l-kost totali għal kull sena, flimkien ma' spjegazzjoni tal-metodu għall-kalkolu tal-prezz għandhom jiġu ddikjarati b'mod ċar, u dan għandu jippermetti lill-klijenti finali jqabblu faċilment bejn l-offerti kemm il-fornituri qed jitolbu għall-konsum tal-elettriku jew tal-gass u għat-tariffa fissa ta' kull sena.
- L-informazzjoni dwar il-prezz għandha tintwera f'format li jippermetti lill-konsumaturi jqabblu l-prezzijiet u għandha tirrifletti, fejn applikabbli, kwalunkwe skont limitat fiż-żmien u l-prezz tat-tagħmir. Meta japplika prezz promozzjonali, dan għandu jiġi indikat b'mod ċar, inkluż kemm idum validu l-iskont, liema kundizzjonijiet japplikaw għall-iskontijiet (pereżempju, li ma jinbidlux qabel ċerta data) u l-prezz sħiħ mingħajr il-promozzjoni. Fejn applikabbli, it-tul u l-kamp ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe garanzija tal-prezz, kif ukoll il-prezzijiet applikabbli wara l-iskadenza ta' dik il-garanzija, għandhom jintwerew b'mod ċar.

- Għall-prezzijiet u l-kuntratti dinamiċi b'komponent tal-prezz flessibbli, is-sommarju għandu jinkludi spjegazzjoni ċara u li tinftiehem faċilment tal-formola li tiddetermina l-prezz, l-indiċi li miegħu tkun marbuta l-formola u fejn il-klijent finali jista' jsegwi l-evoluzzjoni tal-bidliet fil-prezzijiet kif ukoll il-frekwenza tagħhom. Il-kostijiet dipendenti fuq il-konsum lil hinn mill-prezz bażiku tal-elettriku, bħal ħlasijiet addizzjonali fuq il-prezz immedjat fis-suq, għandhom jiġu ddivulgati separatament għal kull kWh.
- Għall-kuntratti dwar prezz dinamiku tal-elettriku u għall-kuntratti b'komponent tal-prezz flessibbli, il-klijenti finali għandhom jiġu pprovduti bi projezzjonijiet illustrattivi tal-kostijiet (kull xahar jew kull sena), abbażi tal-valuri mkejla u l-projezzjonijiet tal-fornituri biex ikunu jistgħu jistmaw il-kont. Is-sommarju għandu jispjega kif dawn il-projezzjonijiet tal-kostijiet jiġu kkalkolati u r-riskji potenzjali fejn il-prezz ma jkunx fiss u/jew magħruf minn qabel sabiex il-klijent finali jifhem il-vantaġġi u l-iżvantaġġi u jkun jista' jagħmel għażla infurmata. Għandhom jiġu pprovduti wkoll paraguni illustrattivi ma' offeriti differenti mill-fornitur, sabiex il-konsumaturi jkun jistgħu jivvalutaw aħjar l-adeqwatezza ta' kull tip ta' kuntratt.
- Għall-offerti tal-elettriku għall-klijenti finali b'pannelli solari, is-sommarju għandu jelenka r-remunerazzjoni għal tali klijenti li jalimentaw is-surplus tal-elettriku lill-grilja. Is-sommarju għandu jelenka wkoll kwalunkwe tariffa imposta, inklużi l-kostijiet sottostanti, kif jiġu kkalkolati dawn il-kostijiet, f'liema sitwazzjonijiet ikunu ġġarrbu l-kostijiet, meta dawn il-kostijiet ikunu jridu jitħallsu u informazzjoni rilevanti oħra.

Durata, tiġdid u terminazzjoni tal-kuntratt

- L-informazzjoni dwar id-durata tal-kuntratt għandha tintwera b'mod prominenti.
- Il-kundizzjonijiet ewlenin għat-tiġdid u għat-terminazzjoni tal-kuntratt (minħabba li l-kuntratt ikun wasal fi tmiem id-durata tiegħu, jew minħabba terminazzjoni bikrija, fejn applikabbli) għandhom jiġu inklużi flimkien ma' jekk il-kuntratt jistax jiġi terminat mingħajr ħlas.
- Għall-klijenti finali li volontarjament jiterminaw kuntratt għall-provvista tal-elettriku għal terminu fiss bi prezz fiss qabel il-maturità tagħhom, is-sommarju għandu jinkludi tariffi ta' terminazzjoni u l-formola biex tiġi kkalkolata t-tariffa.
- Meta l-offerta jkun fiha perjodu ta' lealtà, is-sommarju għandu jsemmi d-durata tiegħu kif ukoll il-benefiċċji u l-penali assoċjati miegħu.
- It-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt għall-provvista tal-enerġija għandhom jiġu elenkati separatament minn dawk ta' kwalunkwe prodott jew servizz addizzjonali, u għandhom jinkludu diżaggregazzjoni tal-kostijiet u tal-perjodi kuntrattwali rispettivi tagħhom u ta' kwalunkwe impenn ta' terminu minimu.
- Il-kundizzjonijiet għall-bidliet fil-prezz jew fit-tariffa matul il-perjodu kuntrattwali għandhom jiġu indikati b'mod ċar.
- Għall-offerti raggruppati li jinkludu t-tagħmir, is-sommarju għandu jipprovdi spjegazzjoni ċara u konċiża ta' kif għandu jiġi rritornat it-tagħmir jekk jiġi tterminat il-kuntratt. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar kwalunkwe tariffa u penali applikabbli.

Servizzi, pretensjonijiet u drittijiet tal-konsumatur

- Is-sommarju għandu jiddikjara l-mezzi li bihom tista' tinkiseb l-informazzjoni dwar it-tariffi u l-prodotti jew is-servizzi raggruppati (l-internet, it-telefown, eċċ.).
- Għandha tiġi inkluża informazzjoni dwar id-data tal-kontijiet, il-frekwenza tal-kontijiet u l-għażliet tal-metodu tal-pagament.
- Għandha tiġi inkluża spjegazzjoni ċara u li tinftiehem tar-rimedji disponibbli għall-interruzzjoni tal-provvista jew għall-fallimenti fil-kwalità tas-servizz, inklużi kontijiet mhux korretti jew li jdumu ma jinħarġu, kif ukoll il-kumpens u l-arranġamenti ta' rifiżjoni.
- Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar is-servizzi tal-fornitur, il-ġestjoni tal-ilmenti mill-fornitur (inkluża l-iskadenza għat-tweġiba tal-ilmenti) u kwalunkwe kumpens li jkun disponibbli għall-konsumaturi.
- Is-sommarju għandu jinkludi informazzjoni dwar il-kostijiet mitluba mill-fornitur fil-każ ta' nuqqas ta' pagament. Fil-każ ta' tilwima bejn il-fornitur u l-klijent finali, is-sommarju għandu jispjega wkoll li huwa possibbli li titħallas biss il-parti mhux ikkontestata tal-kont waqt li t-tilwima tkun qed tiġi solvuta.
- Għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni qasira tal-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti, u kif għandha tinbeda tali proċedura.
- Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar fejn il-konsumaturi jistgħu jsibu għajnunha u pariri (pereżempju, id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet regolatorji u tal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi) u fejn jiġu ppubblikati d-dettalji sħaħ tad-drittijiet tal-konsumatur (pereżempju, fuq is-sit web tal-fornitur).

Informazzjoni rilevanti oħra

- Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar servizzi addizzjonali, inklużi s-servizzi soċjali u l-kuntatti ddedikati disponibbli għall-klijenti vulnerabbli u dawk affettwati mill-faqar enerġetiku. Din tista' tinkludi dettalji dwar it-tariffi soċjali, l-iskontijiet u forom oħra ta' appoġġ, kif ukoll gwida dwar l-aċċess għal dawn is-servizzi.
- L-oqsma ta' informazzjoni fakultattivi jistgħu jinkludu drittijiet jew obbligi speċifiċi tal-konsumatur skont il-liġi nazzjonali.
- Fejn applikabbli, is-sommarju għandu jindika jekk hemmx disponibbli verżjonijiet jew traduzzjonijiet lingwistiċi addizzjonali.